

31991R2237

27.7.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 204/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2237/91
tas-26 ta' Lulju 1991**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2930/81 li jadotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali bovini adulti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali bovini adulti ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1026/91 ⁽²⁾, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1026/91 jissupplimenta l-lista ta' klassijiet ta' konformità ta' karkassi ta' annimali bovini adulti billi jżid il-klassi S magħha; billi għandu għalhekk jiġi adattat l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2930/81 tat-12 ta' Ottubru 1981 li jaddotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni tal-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali bovini adulti ⁽³⁾;

Billi l-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Taqsima 1 (Konformità) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2930/81 qed tiġi b'dan sostitwita bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 123, tas-7.5.1981, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 106, tas-26.4.1991, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 293, tat-13.10.1981, p. 6.

L-ANNEX

"1. KONFORMITÀ

Żvilupp ta' profili ta' karkassi, u b'mod partikolari l-partijiet essenzjali (smin, dahar, spalla)

Klassi ta' konformità	Dispożizzjonijiet addizzjonali	
S Superjuri	<p><i>Round:</i> smin immuskolat ħafna doppju b'kumenti visibbli separati</p> <p><i>Dahar:</i> wiesgħa ħafna u oħxon ħafna, sa l-ispalla</p> <p><i>Spalla:</i> smina ħafna</p>	<p>Firxiet tan-naħa ta' fuq mmarkati ħafna fuq il-biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>)</p> <p>Wirk smina ħafna</p>
E Eċċellenti	<p><i>Round:</i> smina ħafna</p> <p><i>Dahar:</i> wiesgħa u oħxon ħafna, sa l-ispalla</p> <p><i>Spalla:</i> smina ħafna</p>	<p>Naħa ta' fuq smina ħafna li tifrex rimmarkabilment sal biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>)</p> <p>Wirk smina ħafna</p>
U Tajjeb ħafna	<p><i>Round:</i> smina</p> <p><i>Dahar:</i> wiesgħa u oħxon, sa l-ispalla</p> <p><i>Spalla:</i> smina</p>	<p>Naħa ta' fuq smina tifrex fuq il-biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>)</p> <p>Wirk smina</p>
R Tajjeb	<p><i>Round:</i> żviluppata tajjeb</p> <p><i>Dahar:</i> għadu oħxon imma anqas wiesgħa fl-ispalla</p> <p><i>Spalla:</i> kemnxejn żviluppata tajjeb</p>	<p>Naħa ta' fuq żviluppata tajjeb u wirk kemm xejn smin</p>
O mhux ħażin	<p><i>Round:</i> żviluppmedju għal żvilupp nieqes</p> <p><i>Dahar:</i> ħxuna medja għal-ħxuna nieqsa</p> <p><i>Spalla:</i> żvilupp medju sa' kważi ċatta</p>	<p>Wirk: Profil ta' l-Ispalla dritt</p>
P Ħażin	<p><i>Round:</i> żviluppat ħażin</p> <p><i>Dahar:</i> dejjaq bl-għadam visibbli</p> <p><i>Spalla:</i> ċatta bl-għadam vissibbli</p>	